Australian Government
The Treasury

# Lingwi oħra - Għandek bżonn l-għajnuna biex tifhem dan is-sit tal-web fil-lingwa tiegħek?

Għandna tagħrif f'lingwi barra l-Ingliż biex ngħinuk tifhem l-investiment barrani fl-Awstralja.

## Għajnuna fit-traduzzjoni u l-interpretar

Jekk ma tistax issib it-tagħrif fil-lingwa tiegħek, il-links li ġejjin għandhom mnejn jgħinuk tikkuntattja s-servizz li għandek bżonn.

Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (TIS) Nazzjonali

TIS Nazzjonali tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni (Department of Home Affairs) (DHA) jipprovdi interpreti bit-telefown, 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa. Int tista' taċċessja s-servizz minn kull parti tal-Awstralja għall-prezz ta' telefonata lokali fuq 13 14 50.

**Awtorità Nazzjonali tal-Akkreditazzjoni għat-Tradutturi u l-Interpreti (National Accreditation Authority for Translators and Interpreters (NAATI)**

Biex issib traduttur jew interpretu li ġie ċċertifikat jew rikonoxxut minn NAATI, int tista':

- tfittex fuq id-direttorju tagħhom onlajn
- iċċempel lil NAATI fuq 1300 557 470 (fl-Awstralja biss).

**Yellow pages (Direttorju tal-Paġni Sofor)**

Int tista' ssib tradutturi u interpreti fil-Yellow Pages, billi tfittex għall-"Interpreters" jew "Translators".

**Services Australia – tagħrif f'lingwi oħra**

Services Australia jipprovdi traduzzjoni ta' ħafna mill-pubblikazzjonijiet tagħha onlajn, inkluż tagħrif:

- għall-immigranti li għadhom kif waslu
- għall-ħaddiema li jaħdmu part-tajm u każwali
- soġġetti għall-ftehim tas-sigurtà soċjali bejn l-Awstralja u diversi pajjiżi
- dwar il-pagamenti u s-servizzi.

**Services Australia servizzi tal-interpretar u tat-traduzzjoni**

Services Australia jipprovdi servizzi bla ħlas ta' interpretar u tat-traduzzjoni biex jgħinek b'mod konfidenzjali tapplika għal pagament jew servizzi.

**Dipartiment tal-Affarijiet Interni (Department of Home Affairs (DHA)**

Id-DHA għandu lista ta' riżorsi tradotti b'pariri għall-immigranti ġodda u persuni li qed ifittxu jiksbu viża.

**L-Uffiċċju Awstraljan tat-Taxxa (Australian Taxation Office (ATO) – tagħrif f'lingwi oħra**

L-ATO jipprovdi pubblikazzjonijiet onlajn biex jgħinek tifhem it-tassazzjoni fl-Awstralja. Hemm verżjonijiet disponibbli fl-Għarbi, l-Assirjan, l-Auslan, il-Burmiż, iċ-Ċiniż, il-Kroat, id-Dari, id-Dinka, l-Ispanjol, il-Farsi, il-Grieg, l-Indi, l-Indoneżjan, it-Taljan, il-Ġappuniż, il-Karen, il-Khmer, il-Maċedonjan, ir-Russu, is-Serb, is-Somali, it-Tajlandiż, it-Tork u l-Vjetnamiż.